

EBA/GL/2026/04

28/04/2026

Linji gwida dwar l-indipendenza superviżorja tal-awtoritajiet kompetenti skont id-Direttiva 2013/36/UE

1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010¹. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz possibbli biex jikkonformaw mal-linji gwida.
2. Il-Linji Gwida jistabbilixxu l-fehma tal-EBA dwar Prattiki Superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi applikat f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

Rekwiżiti tar-rapportar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella jagħtu raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa [24.08.2026]. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jitqiesu mill-EBA li mhumiex konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA bir-referenza "EBA/GL/2026/0". In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istat ta' konformità għandha tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.
4. In-notifiki jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

2. Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Suġġett

5. Dawn il-linji gwida jispeċifikaw ċerti aspetti tal-prevenzjoni ta' kunflitti ta' interess fi, u dwar l-indipendenza superviżorja ta', awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 4a tad-Direttiva 2013/36/UE², filwaqt li jqisu l-aħjar prattiki internazzjonali inklużi l-Prinċipji Ewlenin għal superviżjoni bankarja effettiva maħruġa mill-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja u l-kriterji tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej Konġunti dwar l-indipendenza tal-awtoritajiet superviżorji³.

Kamp tal-applikazzjoni

6. Dawn il-linji gwida japplikaw fir-rigward tas-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu mill-awtoritajiet kompetenti skont id-Direttiva 2013/36/UE inklużi arranġamenti għall-indipendenza tal-membri tal-persunal tagħhom u tal-korpi ta' governanza tagħhom u għall-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess tal-membri tal-persunal tagħhom u tal-membri tal-korp ta' governanza ta' awtorità kompetenti.
7. Għall-finijiet tal-paragrafu 6, "membri tal-persunal" għandha tinftehem li tinkludi l-persuni kollha li jkollhom relazzjoni ta' impjeg mal-awtorità kompetenti li jkunu involuti direttament fil-funzjoni superviżorja jew fit-teħid ta' deċiżjonijiet fir-rigward tagħha, inkluż il-persunal involut f'funzjonijiet orizzontali jew trażversali, għall-finijiet tat-twettiq tal-funzjonijiet u tad-dmirijiet previsti fid-Direttiva 2013/36/UE u fir-Regolament (UE) Nru 575/2013⁴ jew, fil-każ tal-Bank Ċentrali Ewropew, fir-Regolament (UE) Nru 1024/2013. L-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw ukoll il-linji gwida għal persuni mibgħuta temporanjament lill-awtorità kompetenti fir-rigward tal-attivitajiet jew funzjonijiet imsemmija hawn fuq, billi jistabbilixxu arranġamenti xierqa. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jespandu l-applikazzjoni ta' dawn il-linji

² Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE Test b'rilevanza għaż-ŻEE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

³ [JC 2023 17 Kriterji ta' Indipendenza Superviżorja tal-ASE Kongunta.pdf](#)

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

gwida għal persuni li mhumiex membri tal-persunal u li jwettqu kompiti ta' superviżjoni għall-awtorità kompetenti fuq bażi kuntrattwali u/jew jistabbilixxu arranġamenti xierqa ma' fornituri ta' servizzi.

8. Għall-finijiet tal-paragrafu 6, meta l-kompiti tal-ġestjoni ta' kuljum tal-funzjoni superviżorja tal-awtorità kompetenti jiġu fdati lil direttur eżekuttiv jew pożizzjoni simili taħt il-livell tal-korp tat-teħid ta' deċiżjonijiet kollettivi l-aktar superjuri msemmi fl-Artikolu 4a(1) tad-Direttiva 2013/36/UE jew lil membri ta' korp kollettiv ieħor, dawn il-linji gwida għandhom jiġu applikati għall-membri eżekuttivi tal-korp tat-teħid ta' deċiżjonijiet kollettivi l-aktar superjuri li jista' jagħti struzzjonijiet lil dak id-direttur eżekuttiv jew membri ta' dak il-korp kollettiv l-ieħor.
9. Fejn l-aktar korp għoli ta' teħid ta' deċiżjonijiet kollettivi tal-awtorità kompetenti ma jiddifferenzjax bejn membri li jingħataw is-setgħa li jeżerċitaw funzjonijiet eżekuttivi fir-rigward tal-ġestjoni ta' kuljum tal-funzjoni superviżorja u l-funzjonijiet mhux eżekuttivi, jew ma jipprevedix allokazżjoni tal-kompiti u s-setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet ta' dawk il-membri, dawn il-linji gwida għandhom jiġu applikati fir-rigward tal-membri kollha ta' dak il-korp għoli ta' teħid ta' deċiżjonijiet, esklużi l-gvernaturi tal-banek ċentrali.

Destinatarji

10. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 4, il-punt (2)(i) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Definizzjonijiet

11. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati u definiti fid-Direttiva 2013/36/UE għandhom l-istess tifsira fil-linji gwida.

3. Implimentazzjoni

Data tal-applikazzjoni

12. Dawn il-linji gwida japplikaw minn 24.08.2026.

4. Linji Gwida

1.

2.

3.

4.

4.1 Ħatra ta' membri tal-korp ta' governanza ta' awtorità kompetenti

13. Meta l-awtoritajiet kompetenti jkunu responsabbli minn jew jieħdu sehem fil-ħatra tal-membri tal-korp ta' governanza tagħhom, huma għandhom jagħmlu dawn iż-żewġ affarijiet li ġejjin:
14. jagħmlu pubbliċi l-proċess, il-kriterji tal-ħatra u l-eżitu tal-proċess, u informazzjoni dwar il-profil tal-kandidat maħtur;
15. jiżguraw li l-membri tal-korp ta' governanza tagħhom jinħatru abbażi tal-prinċipji tal-oġġettività u n-nondiskriminazzjoni.

4.2 Perjodu ta' żamma

16. Fir-rigward ta' membru tal-korp ta' governanza ta' awtorità kompetenti li jiġi maħtur wara l-11 ta' Jannar 2026, il-perjodu ta' 14-il sena imsemmi fis-subparagrafu t-tieni tal-Artikolu 4a(2) tad-Direttiva 2013/36/UE għandu jiġi kkalkulat biex jinkludi:
17. il-perjodi kollha, li matulhom il-membru kien membru tal-korp ta' governanza tal-awtorità kompetenti, konsekuttivi jew mhux konsekuttivi, u kemm jekk fl-istess pożizzjoni kif ukoll jekk le, esklużi perjodi li huma relatati ma' ħatra li seħħet qabel il-11 ta' Jannar 2026.
18. perjodi oħra barra minn impjieg attiv, bħal liv tal-ġenituri, liv minħabba l-mard jew liv għal raġunijiet personali.

4.3 Arranġamenti għall-prevenzjoni ta' kunflitti ta' interess

Kunċett ta' kunflitt ta' interess

19. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li r-regoli u l-prattiki tagħhom iqisu li sitwazzjonijiet fejn jinholq kunflitt ta' interess jinkludu sitwazzjonijiet fejn membru tal-persunal jew il-membri tal-korp ta' governanza ta' awtorità kompetenti jkollu interess personali dirett jew indirett li jinfluwenza jew jikkomprometti, jew li jista' jiġi perċepit bħala li jinfluwenza jew jikkomprometti, il-prestazzjoni imparzjali u oġġettiva tad-dmirijiet u r-responsabbiltajiet professjonali tagħhom.
20. Għal din il-fini:
21. interess personali għandu jinkludi kwalunkwe benefiċċju jew benefiċċju potenzjali, ta' natura finanzjarja jew mhux finanzjarja, għal membru tal-persunal jew għal membru tal-korp ta' governanza tal-awtorità kompetenti, il-membri diretti tal-familja tiegħu/tagħha inkluż iżda mhux limitat għall-konjuġi, sieħeb/sieħba rreġistrat/a tiegħu/tagħha f'konformità mal-liġi nazzjonali, wild jew ġenitur;
22. kunflitt ta' interess perċepit għandu jkopri ċirkostanzi oġġettivi li jaffettwaw il-fiduċja u l-kunfidenza fl-indipendenza u l-imparzjalità ta' membru tal-persunal jew membru tal-korp ta' governanza tal-awtorità kompetenti anki jekk il-kunflitt ta' interess ma jimmaterjalizzax jew anki jekk il-membri fil-fatt ma jibbenefikax mis-sitwazzjoni.

L-istabbiliment ta' mekkaniżmi, regoli u Prattiki għall-prevenzjoni ta' kunflitti ta' interess

23. L-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom fis-seħħ mekkaniżmi, regoli u Prattiki xierqa biex jipprevjenu u jimmaniġġjaw il-kunflitti ta' interess. Dawk il-mekkaniżmi, regoli u Prattiki għandhom jirriflettu li jista' jkun hemm kunflitti ta' interess qabel l-impjieg, matul l-impjieg, kif ukoll minħabba attivitajiet okkupazzjonali ta' wara l-impjieg u matul liv bla ħlas.
24. L-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom fis-seħħ mezzi xierqa għar-rapportar intern, is-segwitu u s-salvagwardji fis-seħħ għall-persuni li jirrapportaw ksur tar-regoli dwar il-kunflitti ta' interess skont id-Direttiva (UE) 2019/1937⁵.

Dikjarazzjonijiet ta' interess ta' qabel l-impjieg

25. Id-dikjarazzjoni ta' interess ta' qabel l-impjieg imsemmija fl-Artikolu 4a(7) tad-Direttiva 2013/36/UE li għandha tiġi sottomessa minn membri prospettivi tal-persunal u membri tal-korp ta' governanza tal-awtorità kompetenti għandha tal-anqas tinkludi informazzjoni dwar il-parteċipazzjonijiet azzjonarji tal-membri prospettivi stabbiliti fl-Artikolu 4a(7) tad-Direttiva 2013/36/UE, maħruġa minn jew referenzjati lill-istituzzjonijiet taħt

⁵ Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305, 26.11.2016, p. 17).

superviżjoni mill-awtorità kompetenti, u l-impriżi omm, sussidjarji jew affiljati diretti u indiretti ta' dawk l-istituzzjonijiet, li l-membri kkonċernat għandu bħalissa. Il-parteċipazzjonijiet azzjonarji speċifikati fl-Artikolu 4a(3), punti (a)(i) u (ii) tad-Direttiva 2013/36/UE m'għandhomx bżonn jiġu ddikjarati.

Divulgazzjonijiet oħra ta' qabel l-impjeg

26. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu li l-membri prospettivi tal-persunal u l-membri tal-korpi ta' governanza tagħhom jiddivulgaw informazzjoni dwar kunflitti ta' interess oħrajn, inklużi rwoli reċenti f'istituzzjonijiet li magħhom huma mistennija li jkunu involuti direttament għall-finijiet ta' superviżjoni jew ta' teħid ta' deċiżjonijiet, inklużi l-impriżi omm, is-sussidjarji jew l-affiljati diretti jew indiretti ta' dawk l-istituzzjonijiet, jew entitajiet li jwettqu attivitajiet ta' lobbjar u ta' promozzjoni diretti lejn l-awtorità kompetenti dwar kwistjonijiet li għalihom huma mistennija li jkunu responsabbli.

Dikjarazzjonijiet annwali ta' interess

27. Id-dikjarazzjonijiet annwali ta' interess imsemmija fl-Artikolu 4a(7) tad-Direttiva 2013/36/UE, li għandhom jiġu sottomessi mill-membri tal-persunal u mill-membri tal-korp ta' governanza tal-awtorità kompetenti, għandhom jinkludu informazzjoni dwar il-parteċipazzjonijiet azzjonarji tal-membri msemmija fil-paragrafu 18.
28. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu wkoll jitolbu s-sottomissjoni tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 19 bħala parti mid-dikjarazzjonijiet annwali ta' interess.

Dikjarazzjonijiet ta' interess ad hoc

29. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-membri tal-persunal u l-membri tal-korp ta' governanza ta' awtorità kompetenti jiddikjaraw kwalunkwe akkwist jew disponiment tal-parteċipazzjonijiet azzjonarji msemmija fil-paragrafu 18 li jistgħu jseħħu bejn id-dikjarazzjonijiet.
30. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu wkoll li l-membri tal-persunal tagħhom u l-membri tal-korp ta' governanza tagħhom jiddikjaraw fil-pront kwalunkwe sitwazzjoni oħra ta' kunflitt ta' interess attwali jew perċepit li tista' tirriżulta bejn id-dikjarazzjonijiet.

Valutazzjoni tad-dikjarazzjonijiet

31. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw id-dikjarazzjonijiet billi jqisu jekk l-interessi speċifiċi ddikjarati mill-membri tal-persunal tagħhom jew mill-membri tal-korp ta' governanza tagħhom humiex kompatibbli mal-kompiti tagħhom.
32. Meta l-impjegat jew membru tal-korp ta' governanza jwettaq kompiti għal organizzazzjoni jew entità pubblika oħra bħala parti mir-rwol tiegħu, l-awtorità kompetenti għandha, fejn xieraq, tqis dawn il-kompiti fil-valutazzjoni.

Is-setgħat tal-awtoritajiet kompetenti rigward l-istrumenti finanzjarji li kienu fil-pussess tagħhom fil-mument li xi ħadd ikun qed jiġi impjegat jew wara.

33. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 4a(8) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-istrumenti finanzjarji li jistgħu jwasslu għal kunflitti ta' interess għandhom jinkludu mill-inqas il-parteċipazzjonijiet azzjonarji li huma suġġetti għad-dikjarazzjoni ta' interess imsemmija fl-Artikolu 4a(7) tad-Direttiva 2013/36/UE.
34. Iż-żamma ta' strumenti finanzjarji tista' titqies li ma tagħtix lok għal kunflitti ta' interess jew li tammonta għal negozjar meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
35. L-istrumenti finanzjarji huma maħruġa minn istituzzjoni li hija soċjetà mutwa kooperattiva, bank tat-tfaddil, istituzzjoni ta' kreditu stabbilita biex tippровdi servizzi lill-persunal u lill-eks-persunal ta' awtorità kompetenti, jew istituzzjoni simili;
36. iż-żamma tal-istrumenti finanzjarji hija meħtieġa biex wieħed ikollu aċċess għas-servizzi bankarji normali u servizzi oħra tal-istituzzjoni;
37. il-livell ta' interess finanzjarju fl-istituzzjoni li jirriżulta mill-parteċipazzjonijiet azzjonarji jista' jitqies bħala negliġibbli;
38. L-operazzjonijiet ta' investiment jew ta' żvestiment tal-istrumenti finanzjarji jistgħu jsiru biss bejn il-membri tal-istituzzjoni jew permezz tal-istituzzjoni nnifisha.
39. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-bejgħ jew id-disponiment ta' strumenti finanzjarji msemija fl-Artikolu 4a(8) tad-Direttiva 2013/36/UE jkunu suġġetti għal approvazzjoni minn qabel mill-funzjoni etika, tal-konformità jew ekwivalenti tal-awtorità kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tal-konformità mal-politika dwar il-kunflitti ta' interess.
40. Meta awtorità kompetenti tirrikjedi lil membru tal-persunal jew lil membru tal-korp ta' governanza tagħha li għandu strumenti finanzjarji msemija fl-Artikolu 4a(8) tad-Direttiva 2013/36/UE, sabiex ibiġi jew jiddisponi minn dawk l-istrumenti, dak il-membru għandu jeżegwixxi l-bejgħ jew jittrasferixxi l-istrumenti finanzjarji f'perjodu ta' żmien raġonevoli stabbilit mill-awtorità kompetenti. L-awtorità kompetenti għandha tqis kwalunkwe obbligu li żżomm strumenti li jirriżultaw mir-reqwiziti tar-remunerazzjoni stabbiliti skont l-Artikolu 94 tad-Direttiva 2013/36/UE. Fejn il-membru potenzjali jkun sid tal-istrumenti finanzjarji fil-mument li jiġi impjegat jew maħtur, safejn ikun possibbli, tali bejgħ jew disponiment għandu jiġi eżegwit mill-membru prospettiv qabel ma jieħu l-kariga.

4.4 Regoli dwar ksur ta' kunflitti ta' interess, miżuri korrettivi, inklużi miżuri dixxiplinarji

41. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-każijiet potenzjali ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar il-kunflitti ta' interess jiġu indirizzati fil-pront, inkluż, fejn rilevanti, kwalunkwe impatt fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet superviżorju.
42. Il-miżuri meħuda mill-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissuażivi. Il-miżuri għandhom iqisu l-gravità tal-ksur, jekk kienx negliġenti jew intenzjonali u d-durata tiegħu, u jinkludu miżuri dixxiplinarji fejn xieraq.

4.5 Miżuri oħra meħuda biex jiġu indirizzati kunflitti ta' interess

43. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jieħdu miżuri oħrajn biex jindirizzaw kunflitti ta' interess, inkluża s-sospensjoni ta' aċċess għal informazzjoni kunfidenzjali jew sensittiva jew l-allokazzjoni ta' rwol jew komputu differenti fl-awtorità kompetenti jew f'organizzazzjoni oħra.

4.6 Imġiba pprojbita

4.1.1 Projbizzjoni tan-negożjar fi strumenti finanzjarji

44. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-membri tal-persunal u l-membri tal-korp ta' governanza tagħhom ma jinnegożjawx f'dawn l-istrumenti finanzjarji msemmija fl-Artikolu 4a(3) punt (a) tad-Direttiva 2013/36/UE, u lanqas jirrakkomandaw jew jinkoraġġixxu lil persuna oħra biex tinnegożja jew ma tinnegożjax fihom.

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-istrumenti finanzjarji koperti

45. Għall-finijiet tal-Artikolu 4a(3), il-punti (a) u (b)(i) tad-Direttiva 2013/36/UE:

- a) 'istituzzjonijiet taħt superviżjoni mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom' għandha tinftiehem li jinkludu istituzzjonijiet suġġetti għas-superviżjoni prudenzjali tal-awtoritajiet kompetenti skont id-Direttiva 2013/36/UE, inkluż il-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-kompiti mogħtija lilu bir-Regolament (UE) Nru 1024/2013;
- b) "affiljati" għandha tinftiehem li tinkludi dawk l-entitajiet korporattivi, minbarra l-imprezi omm jew is-sussidjarji tal-istituzzjonijiet taħt superviżjoni, li tal-inqas jaqgħu taħt kwalunkwe waħda mill-kategoriji li ġejjin:
 - i. entitajiet li huma inklużi fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati mħejjija mill-istituzzjoni taħt superviżjoni;
 - ii. entitajiet li jaqgħu taħt l-istess skema ta' protezzjoni istituzzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 113(7) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, bħall-istituzzjoni taħt superviżjoni; jew

- iii. entitajiet li huma affiljati b'mod permanenti mal-istess korp ċentrali kif imsemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 bħall-istituzzjoni taħt superviżjoni.

- 46. Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4a(3), punt (a)(i), tad-Direttiva 2013/36/UE, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrikjedu li jkun hemm ftehim bil-miktub dwar il-ġestjoni tal-investimenti li jipprovdi ġestjoni indipendenti tal-portafoll.
- 47. Għall-finijiet tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4a(3) tad-Direttiva 2013/36/UE, meta jistabbilixxu jekk parti terza jew imprima ta' investiment kollettiv jinvestux b'mod predominanti fi strumenti maħruġa minn jew referenzjati lill-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 4a(3), punt (a) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu, fost l-oħrajn, il-politika jew l-istrateġija tal-investiment.

4.1.2 Restrizzjonijiet ta' preklużjoni

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-persunal jew tal-membri tal-korp ta' governanza tal-awtorità kompetenti affettwati mill-perjodi ta' preklużjoni

- 48. Għall-finijiet tal-Artikolu 4a(3), punt (b)(i) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinkludu dawk il-membri tal-persunal involuti f'funzjonijiet orizzontali jew trażversali li kienu involuti direttament fil-funzjoni ta' superviżjoni jew fit-teħid ta' deċiżjonijiet relatati magħha.
- 49. Għall-finijiet tal-Artikolu 4a(3), il-punt (b)(ii) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu "entitajiet li jipprovdu servizzi" bħala li jinkludu entitajiet li lilhom ikunu ġew esternalizzati kompiti jew partijiet minn funzjonijiet kritiċi jew importanti⁶ tal-istituzzjonijiet, kif ukoll il-forniment ta' servizzi legali, kontabilistiċi jew ta' konsulenza.
- 50. Għall-finijiet tal-Artikolu 4a(3), il-punt (b)(iii) tad-Direttiva 2013/36/UE "attivitajiet ta' lobbjar u ta' promozzjoni" għandu jinkludi kwalunkwe attività professjonali li ssir bil-għan li, direttament jew indirettament, jiġu influwenzati l-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-awtorità kompetenti, l-implimentazzjoni ta' tali deċiżjonijiet u kwalunkwe attività oħra taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenza tal-awtorità kompetenti skont id-Direttiva 2013/36/UE jew, fil-każ tal-Bank Ċentrali Ewropew, ir-Regolament (UE) Nru 1024/2013, jew il-perċezzjoni pubblika tal-awtorità kompetenti. Is-sekondar jew l-attivitajiet ta' liv mingħajr ħlas li jinvolvu pożizzjonijiet fi ħdan ministeri nazzjonali jew korpi pubbliċi oħra u istituzzjonijiet, aġenziji jew korpi tal-UE ma għandhomx jitqiesu bħala "attivitajiet ta' lobbjar u ta' promozzjoni".

Għal dawn il-finijiet:

1. ⁶ Kif definit fil-Linji Gwida tal-EBA dwar l-Esternalizzazzjoni (EBA/GL/2019/02).

- a) "influenzar dirett" tfisser influwenzar permezz ta' kuntatt dirett jew komunikazzjoni mal-awtorità kompetenti jew azzjoni oħra li ssegwi tali attivitajiet; u
- b) "influenzar indirett" tfisser influwenzar permezz tal-użu ta' vetturi intermedji bħall-media, l-opinjoni pubblika, il-konferenzi jew l-avvenimenti soċjali, immirati lejn l-awtorità kompetenti.

Proċeduri ta' notifika

51. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu proċeduri li jirrikjedu li l-membri tal-persunal u l-membri tal-korp ta' governanza tagħhom jinfurmaw lill-awtorità kompetenti bl-intenzjoni tagħhom li jibdew impjeg jew jaċċettaw kwalunkwe tip ta' kuntratt għall-forniment ta' servizzi professjonali ma' kwalunkwe istituzzjoni jew entità li taqa' taħt kwalunkwe waħda mill-kategoriji li ġejjin:
- a) istituzzjonijiet suġġetti għas-superviżjoni prudenzjali tal-awtorità kompetenti, inklużi l-intrapriżi omm, is-sussidjarji jew l-affiljati diretti jew indiretti ta' dawk l-istituzzjonijiet;
 - b) entitajiet li jipprovdu servizzi lil kwalunkwe waħda mill-istituzzjonijiet jew entitajiet imsemmija fil-punt a. hawn fuq; jew
 - c) entitajiet li jwettqu attivitajiet ta' lobbjar u ta' promozzjoni diretti lejn l-awtorità kompetenti.
52. Dawn in-notifiki għandhom jingħataw sa mhux aktar tard minn meta offerta tkun waslet u qabel ma tiġi aċċettata tali offerta. Jekk dan joħloq kunflitt ma' kwalunkwe drittijiet rilevanti tal-ħaddiema kif stabbiliti fil-liġi nazzjonali dwar il-ħaddiema, għandhom jingħataw notifiki mhux aktar tard minn punt fiż-żmien li jippermetti lill-awtorità kompetenti tqis perjodi xierqa ta' preklużjoni.
53. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu proċeduri fir-rigward ta' membri tal-persunal jew membri ta' korp ta' governanza ta' awtorità kompetenti li jkunu applikaw għal liv mingħajr ħlas, biex jiżguraw li matul id-durata tal-liv mingħajr ħlas, il-membri kkonċernat ma jidħolx f'impjeg jew jaċċetta kwalunkwe tip ta' kuntratt għall-forniment ta' servizzi professjonali għal tali entità li jista' jkun f'kunflitt mal-interessi leġittimi tal-awtorità kompetenti.
54. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrikjedu wkoll li l-membri tal-persunal jew il-membri tal-korp ta' governanza tagħhom li biġisbhom jieħdu liv mingħajr ħlas jinnotifikaw lill-awtorità fi żmien il-perjodi stabbiliti fil-paragrafu 41 jekk ikollhom l-intenzjoni li jinvolvu ruħhom f'attivitajiet mal-istituzzjonijiet jew l-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 40; jew, jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti tagħhom fi żmien xieraq qabel jibdew kwalunkwe attività bħal din matul liv bla ħlas.

Proċess ta' valutazzjoni

55. Meta l-awtoritajiet kompetenti jkunu responsabbli biex jiddeterminaw it-tul xieraq tal-perjodu ta' preklużjoni applikabbli għal membru tal-persunal jew għal membru tal-korp ta' governanza tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu proċess trasparenti jew korp kollettiv biex jivvalutaw il-perjodu ta' preklużjoni li għandu jiġi applikat għall-membri kkonċernat skont l-Artikolu 4a(4) u (5) tad-Direttiva 2013/36/UE, filwaqt li jitqiesu l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 46, u l-miżuri biex jiġu evitati kunflitti ta' interess.
56. Filwaqt li notifika tkun qed tiġi vvalutata, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ineħħu jew jillimitaw l-aċċess tal-individwu għal informazzjoni kunfidenzjali jew sensittiva u l-parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' deċiżjoni rilevanti, flimkien mar-ridistribuzzjoni ta' kompiti li huma f'kunflitt.

It-tul tal-perjodi ta' preklużjoni

57. Meta l-awtoritajiet kompetenti jkunu responsabbli biex jiddeterminaw it-tul xieraq tal-perjodu ta' preklużjoni applikabbli għal membru tal-persunal jew għal membru tal-korp ta' governanza tagħhom u suġġett għal kwalunkwe limitu stabbilit fil-liġi nazzjonali, għandhom iqisu l-kriterji li ġejjin fir-rigward tal-individwu kkonċernat biex jivvalutaw jekk il-perjodu ta' preklużjoni għandux jiġi estiż għal perjodu itwal mill-perjodi minimi stabbiliti fl-Artikolu 4a(4) u (5) tad-Direttiva 2013/36/UE:
- a) l-anzjanità tal-membri tal-persunal;
 - b) il-funzjonijiet tat-teħid ta' deċiżjonijiet imwettqa;
 - c) in-natura tax-xogħol imwettaq, inklużi kompiti mwettqa għal organizzazzjoni oħra, eż. membru ieħor tas-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew il-Kumitat ta' Basel, il-livell ta' involviment fis-superviżjoni prudenzjali jew fit-teħid ta' deċiżjonijiet direttament applikabbli għall-istituzzjoni jew għall-entità kkonċernata, il-limitu tal-aċċess għal informazzjoni kunfidenzjali jew sensittiva u t-tipi ta' istituzzjonijiet jew entitajiet li l-membri tal-persunal seta' kellu kuntatt magħhom;
 - d) involviment f'kull attività politika li tista' potenzjalment tkun applikabbli għal kwalunkwe istituzzjoni jew entità, inkluża l-istituzzjoni jew l-entità kkonċernata;
 - e) il-livell mistenni ta' anzjanità jew ta' attivitajiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet fl-istituzzjoni jew fl-entità kkonċernata;
 - f) jekk il-pożizzjoni potenzjali hijiex ta' organizzazzjoni tas-settur privat li għandha skala sinifikanti ta' influwenza fuq il-prattiki tas-settur finanzjarju u t-tfassil tal-politika.
 - g) id-deskrizzjoni tal-impjieg tal-pożizzjoni potenzjali;
 - h) kuntatt professjonali preċedenti mal-istituzzjoni jew l-entità kkonċernata;

- i) il-proċess ta' reklutaġġ użat mill-organizzazzjoni ta' reklutaġġ, b'mod partikolari jekk il-pożizzjoni potenzjali kinitx suġġetta għal reklutaġġ miftuħ u kompetittiv;
 - j) miżuri oħra meħuda biex jindirizzaw il-kunflitt ta' interess;
58. Fi Stati Membri fejn il-perjodi ta' preklużjoni jridu jiġu stabbiliti fil-punt li xi ħadd ikun qed jiġi impjegat, fejn l-awtoritajiet kompetenti huma responsabbli biex jistabbilixxu dawn it-termini (flimkien ma', fejn applikabbli, kwalunkwe korp nazzjonali rilevanti), huma għandhom jiddeterminaw il-perjodu ta' preklużjoni xieraq li għandu jiġi applikat għal ċerti funzjonijiet tal-impjieg. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lill-impjegati potenzjali dwar dawn il-perjodi minn qabel.
59. Għandu jiġi meqjus jekk il-perjodu ta' preklużjoni għandux:
- a) jinħatar f'impjieg fl-awtorità kompetenti, bil-kundizzjoni li l-aċċess tal-membru għal informazzjoni kunfidenzjali jew sensittiva jitwaqqaf u li kwalunkwe dmirijiet relatati mal-funzjoni ta' superviżjoni jew mal-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet f'dan ir-rigward, u l-iżvilupp ta' politika li jirrigwarda l-qasam tal-kompetenza tal-awtorità kompetenti, jitwaqqfu;
 - b) jinkludi sekondar għal entità oħra fis-settur pubbliku;